# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 29 ta' Ottubru 2015**

**Kawza Numru : 15**
**Rikors Guramentat Numru : 633/2014/LSO**

**Jesmond u Vivian konjugi Gauci (KI 333164M u 582M rispettivament), Aaron Borg (KI 593682M), u Noel u Bernardette konjugi Galea (KI 522277M u 304074M**

**vs**

**David Muscat**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Jesmond u Vivian konjugi Gauci (Kl 333164M u 582M rispettivament), Aaron Borg (Kl 593682M), u Noel u Bernardette konjugi Galea (Kl 522277M u 304074M) datat 16 ta’ Lulju 2014 fejn Aaron Borg jikkonferma bil-gurament : -

Illi r-rikorrenti huma s-sidien u pussessuri tal-hames appartamenti formanti l-blokk numru 18, bl-isem "Porchester House", fi Triq l-Ghollieq, fil-Mosta, kif ukoll pussessuri tal-bejt sovrastanti l-istess blokk b'titolu ta' uzu derivanti mill-kuntratti ta' akkwist rispettivi taghom (Dok. A, B, C, D u E), filwaqt illi l-intimat huwa sid l-arja fuq l-istess blokk li huwa akkwista permezz ta' kuntratt tal-15 ta' Jannar 2013 in atti Nutar Melanie Cassar Darmanin (Dok. F).

IIIi permezz ta' kuntratt tal-31 ta' Awwissu 2011 in atti Nutar Rosalyn Aquilina (Dok G), ir-rikorrenti li kellhom l-komunjoni tal-uzu indiviz tal-bejt tal-imsemmi blokk, qasmu f’ porzjonijiet l-istess arja tal-bejt bejnithom;

IIIi fl-ewwel granet ta' Ottubru 2013, l-intimat abbuzivament bidel is-serratura tal-bieb li jwassal mit-tromba tat-tarag komuni tal-blokk ghall-bejt b'mod illi ebda wiehed mir-rikorrenti ma jista’ jaccedi ghall-bejt kif kien jaghmel sa dakinhar u b'hekk, ir-rikorrenti kollha gew molestati u turbati fil-pussess u uzu tal-istess bejt li ilhom igawdu diversi snin.

IIIi r-rikorrenti huma intitolati li *a tenur* tal-Art. 534 tal-Kodici Civili jitolbu lill-Qorti sabiex jinzammu fil-pussess tal-bejt sovrastanti l-blokk Porchester House, 18, Triq l-Ghollieq, Mosta.

Ghaldaqstant r-rikorrenti qed jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Prevja d-dikjarazzjoni illi r-rikorrenti gew molestati u disturbati fil-pussess tal-bejt sovrastanti l-blokk Porchester House, 18, Triq l-Ghollieq, Mosta meta l-konvenut fl-ewwel granet tax-xahar ta' Ottubru 2013, abbuzivament biddel is-serratura tal-bieb li mit-tromba tat-tarag komuni tal-istess blokk jwassal ghal dan il-bejt u b'hekk imblokka lir-rikorrenti minn kull access ghall-bejt.

2. Tikkundanna lill-intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju li tiffissa din il-Qorti jnehhi kull ostakolu li qed jipprevjeni lir-rikorrenti mill-pussess u uzu tal-bejt tal-imsemmi blokk u b'hekk jinzammu fil-pussess tal-istess bejt kif kienu jgawdu qabel il-molestja; u

3. F'kaz illi dan it-terminu jghaddi inutilment, illi r-rikorrenti jigu awtorizzati jaghmlu x-xoghlijiet necessarji sabiex jerga' jkollhom access ghall-bejt tal-blokk imsemmi, u dana a spejjez tal-intimat, u jekk il-Qorti jidhrilha opportun, taht id-direzzjoni ta' perit nominandi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa qed jigi ngunt ghas-subizzjoni u b'riserva ghal kull azzjoni ta' danni spettanti lir-rikorrenti bhala konsegwenza u rizultat ta' tali molestja.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-30 ta' Settembru 2014.

Rat ir-risposta mahlufa tal-konvenut David Muscat [detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 218594(M)] datata 25 ta' Awwissu 2014 (fol 52) fejn espona :

<u>Stqarrija ta' l-Eccezzjonijiet</u>

1. Illi l-azzjoni attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjez, *stante* li ma jikkonkorrux l-elementi necessarji ghall-*actio manutentionis* kif mehtiega mill-Artikolu 534 tal-Kodici Civili.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-atturi, li huma minn issa ngunti in subizzjoni, u b'riserva ghal kull azzjoni lill-eccipjenti kontra l-istess atturi.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma l-Hamis, 16 ta' Lulju 2015 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Joseph Zammit Maempel ghall-atturi, uhud minnhom prezenti fl-Awla. Deher ukoll Dr Mark Simiana ghall-konvenut. Saret it-trattazzjoni finali mid-difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Dr. Simiana

prezenta nota ta' referenzi u ghadda kopja lid-difensur tal-atturi. Il-kawza qed tigi differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Ottubru 2015 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-atturi ghamlu din il-kawza fit-termini tal-**artikolu 534 tal-Kodici Civili ta' Malta.** Huma sidien ta' hames (5) appartamenti fil-blokk *Porchester House,* fi Triq l-Ghollieq il-Mosta, kif ukoll ko-possessuri tal-bejt sovrastanti u qed jitolbu li jigu ripristinati fit-tgawdija taghhom tal-istess bejt wara li gew molestati mill-intimat .

L-intimat oppona ghat-talbiet u eccepixxa li ma jikkonkorrux l-elementi legali mehtiega sabiex din l-azzjoni tirnexxi.

Il-fatti rilevanti ghall-kaz fil-qosor huma s-segwenti. L-atturi huma s-sidien ta' hames appartamenti fil-blokk deskritt fir-rikors promotur. Huma akkwistaw ukoll l-uzu in komuni tal-bejt tal-blokk. L-arja hija ta' proprjeta' tal-intimat li xtraha b'kuntratt tal-15 ta' Jannar 2013 fl-atti tan-Nutar Melanie Cassar Darmanin. Ir-rikorrenti qasmu l-bejt bejniethom f'porzjonijiet rispettivi b'kuntratt tal-31 ta' Awwissu 2011 in atti Nutar Rosalyn Aquilina. Huma kienu jaccedu ghall-bejt mit-tarag komuni izda jallegaw li f'Ottubru 2013 l-intimat biddel is-serratura tal-bieb li jaghti mit-tromba ghall-bejt b'mod li huma gew impeduti milli jaccedu ghall-bejt kif

kienu jaghmlu. B'hekk jghidu li gew molestati fil-pussess taghhom.

**<u>Provi Prodotti.</u>**

**<u>Kuntratti Esebiti</u>**

Ir-rikorrenti esibew il-kuntratti tal-akkwist taghhom (**Dokti A - D**) fejn akkwistaw l-appartamenti rispettivi taghhom mill-blokk ta' bini, bla numru, bl-isem *Porchester Court,* fi Triq l-Ghollieq il-Mosta, u cioe`, Jesmond u Vivian konjugi Gauci (zewg appartamenti ) (**Dok.A** u **B**), Aaron Borg (**Dok.C**), u Noel u Bernardette Galea (**Dok.D**). Jirrizulta minn dawn il-kuntratti li huma akkwistaw ukoll id-dritt ghall-uzu tal-bejt komuni, sovrastanti l-blokk. Alfred Borg, il-venditur fuq dawn l-atti, rriserva favur tieghu l-proprjeta' tal-bejt u d-dritt li jibni fuqu sular jew sulari ohra soggett ghall-kondizzjonijiet hemm stipulati. Inoltre l-venditur Permezz tal-kuntratt in atti Nutar Melanie Cassar Darmanin tal-15 ta' Jannar 2015 (**Dok.E**) ir-rikorrenti qasmu l-uzu tal-bejt fi tlett porzjonijiet.

L-intimat akkwista l-proprjeta' tal-bejt u l-arja *ad infinitum* sovrastanti l-blokk *Porchester House,* mill-poter ta' Alfred Borg, l-awtur fit-titlu tar-rikorrenti, b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Melanie Cassar Darmanin tal-15 ta' Jannar 2013 (**Dok.F**) inkluz ukoll il-komunjoni flimkien mas-sitt appartamenti tal-partijiet komuni (l-entratura, entrata, tarag, tromba tat-tarab) "*u soggett ghad-dritt tal-flats ghall-uzu tieghu kif stipulat fil-kuntratti imsemmija ...".*

**Xhieda**

Jirrizulta mill-provi prodotti li kien hemm zewg incidenti bejn il-kontendenti li jirrigwardaw il-bejt in mertu. L-atturi fl-affidavits taghhom irreferew ghall-incident li sehh fit-tieni gimgha ta' Ottubru 2013 li kien l-incident li ppreceda l-kawza tallum. Hekk **Noel Galea**, fl-affidavit[1] tieghu afferma li fit-tieni gimgha ta' Ottubru 2013 inbiddlet is-serratura taz-zewg bibien li mit-tromba tat-tarag iwasslu ghall-bejt ghaliex ic-cwievet li kellu ma fethuhomx. Huma ma kienu gew infurmati b'xejn  u ghamlu rapport lill-Pulizija. Minn dak iz-zmien, cioe` mill-10 ta' Ottubru 2013 il-quddiem huwa ma kellux aktar pussess tal-bejt. Dan kollu gie kkonfermat fis-sustanza minn **Aaron Borg** (affidavit a fol 58 tal-process) u minn **Vivian Gauci** (affidavit a fol 56 tal-process).

Il-Qorti, wara li rat l-affidavits u semghet lix-xhieda in kontro-ezami, ikkonkludiet li ghalkemm mhuwiex preciz sal-ahhar li nbiddlu s-serraturi taz-zewg bibien f'Ottubru 2013, hija soddisfatta li f'Ottubru 2013 l-intimat, bl-agir tieghu, impedixxa lir-rikorrenti milli jaccedu ghall-bejt. Dan jirrizulta mill-affidavit tal-istess **David Muscat** [2]. Hu spjega li it-tarag komun jaghti ghall-kamra tal-bejt li fiha zewg bibien ghall-bejt. Wiehed minnhom, fuq ix-xellug, kien ilu imwahhal u ma jinfetahx filwaqt li dak tal-lemin kien jinzamm miftuh, bic-cavetta fis-serratura ta' gewwa. Qal li l-kellu xi disgwid

[1] Esebit a fol. 56 tal-process.
[2] Esebit a fol.85-86 tal-process.

ma' Aaron Borg u sakkar il-bieb tal-lemin u ha ic-cavetta mieghu. Imbaghad wara dan l-incident, sab li Aaron Borg kien ghadu qed jittenta jaghmel xoghlijiet fuq il-bejt, minkejja li l-Pulizija kienu ordnawlu biex jieqaf, u ghalhekk li hu biddel is-serratura tal-bieb tax-xellug.

**Aaron Borg** xehed in kontro-ezami[3] li l-kamra tal-bejt ghandha zewg bibien. Wiehed minnhom kull ma ghandu huwa l-pum maqlugh imma infetah izda hu ma kellux ic-cavetta. Dan il-bieb kien ilu minn qabel is-sena 2013 ma jinfetahx.

Rigard it-tieni bieb, l-intimat kien ha c-cavetta meta kien ghadu fuq konvenju. In **ri-ezami** qal li ma ghaddhiex aktar minn xahar minn meta ittiehdet ic-cavetta u ghamlu r-rapport lill-Pulizija.

Kopja tal-*Police Incident Report* gie esebit *seduta stante* fl-4 ta' Novembru 2014 (fol 80 et seq. tal-process) minn fejn jirrizulta li fit-23 ta' Ottubru 2014, Aaron u Vivian konugi Borg ghamlu rapport kontra l-intimat u certu Sabrina Tanti, is-siehba tal-intimat, fejn iddikjaraw li xi hmistax qabel kienet inbidlet is-serratura tal-bieb tal-bejt tal-appartamenti in mertu u ghalhekk ma kellhomx access ghall-istess bejt.

Gew esebiti mill-**Ispettur Godwin Scerri**[4] diversi rapporti reciproci li saru fis-sena 2013 bejn il-kontendenti rigward il-bejt in kwistjoni.

---

[3] Seduta tat-12 ta' Frar 2015
[4] Seduta tat-28 ta' Aril 2015

**SOTTOMISSJONIJIET ORALI**

Il-kontenzjoni bejn il-kontendenti hija wahda legali. Mhux ikkontestat li l-atturi m'ghandhomx izjed access ghall-bejt sabiex igawdu mill-uzu li ghandhom fit-termini tal-kuntratti esebiti. Gie pruvat a soddisfazzjon tal-Qorti li  dan hu r-rizultat ta' zewg interventi mill-konvenut, l-ewwel f'April 2013 meta ha c-cavetta tat-tieni bieb ammess mill-istess konvenut, u sussegwentement f'Ottubru tal-istess sena meta biddel is-serratura (ara affidavits ta' Noel Galea u Aaron Borg).

Madanakollu l-abbli difensur tal-konvenut issottometta li wara l-ewwel incident f'April 2013, l-istess atturi hadu l-ligi f'idejhom meta rega' hadu l-pussess bi vjolenza, minghajr il-kunsens tal-konvenut. Kien wara dan l-incident li sehh it-tieni kaz f'Ottubru 2013 fejn gew spussessati u kellhom jiehdu dawn il-proceduri.

L-istess konvenut ghaldaqstant sostna li fit-tieni okkazzjoni, l-pussess li qed jvantaw l-atturi mhuwiex dak il-pussess legittimu li hu rikjest bil-Ligi ghal din l-azzjoni, u jiccita l-**artikolu 527 tal-Kodici CIvili** li jiddisponi hekk:

*"**527.** (1) Hekk ukoll, dak li wieħed jagħmel bil-vjolenza jew bil-moħbi ma jistax jiswa ta' bażi għall-ksib tal-pussess.*
*(2) B'dan kollu, il-pussess jista' jibda meta l-vjolenza jew il-ħabi ma jibqgħux."*

Skont kif sottomess, l-atturi ma baqghux pussessuri legittimi meta l-konvenut rega' ha l-pussess f'Ottubru u ma setghux jesperixxu l-*actio manutensionis* b'success ghaliex jehtieg li l-pussess taghhom ikun wiehed legali.

**Konsiderazzjonijiet ta' Dritt**

**L-artikolu 534 tal-Kodici Civili** jghid hekk: "*Kull min, waqt li jinsab fil-pussess, ta' liema xorta jkun, ta' ħaġa immobbli, jew ta' universalità ta' ħwejjeġ mobbli, jiġi mmolestat f'dak il-pussess, jista', fi żmien sena mill-molestja, jitlob li jinżamm f'dak il-pussess, basta li ma jkunx ħa b'idejh dak il-pussess mingħand il-konvenut bi vjolenza jew bil-moħbi, jew ma jkunx kiseb mingħandu dak il-pussess b'titolu prekarju.*"

Gie ritenut li "*din l-azzjoni hija ghalhekk immirata mill-atturi sabiex tiddefendi l-pusess taghhom u biex twaqqaf lill-konvenuti milli jimmolestaw fl-istess godiment u allura l-iskop taghha huwa l-funzjoni konservattiva tal-pussess u c-cessazzjoni tal-molestja*" ***(Vol. LI. P I p.100).***

Dan jiddiferenzjaha markatament mill-azzjoni ta' spoll in kwantu "*mentre quella di manutenzione e` data per proteggere il possesso, che possa essere turbato, od anche eventualmente violato o distrutto, l' altra di reintegrazione viene fondata per punire la violenza o clandestinita` dello spoglio*" - "**Michele Azzopardi -vs- Giuseppe Farrugia**", Appell Civili, 31 ta' Ottubru 1930 (**Vol. XXVII P I p 622**);

Illi l-elementi essenzjali rikjesti mill-Ligi huma tlieta:-

(a) il-pussess ta’ haga mmobbli jew universalita` ta’ hwejjeg mobbli;

(b) l-atti li jikkostitwixxu l-molestja ghal dan il-pussess;

(c) il-proponiment ta’ l-azzjoni fi zmien sena mill-molestja.

**L-elementi tal-Molestja u t-Terminu Statutorju**

Il-Qorti ma ssibx diffikolta li tafferma li l-ahhar zewg elementi huma soddisfatti. Ghal dak li jirrigwarda t-tieni element tal-*Actio Manutentionis,* gie sa minn zmien ilu mfisser li kull attentat ghall-ezercizzju tal-pussess mahsub li jfixkel it-tgawdija u maghmul bil-ghan jew intenzjoni li jwettaq dak ix-xkiel, jikkostitwixxi l-molestja mehtiega biex issejjes l-azzjoni [ara sentenza moghtija fis-**16 ta’ Marzu, 1935** ikkonfermata fl-Appell fl-**20 ta’ Marzu, 1936**) fil-kawza fl-ismijiet*Cauchi vs Vella et* (Kollezz. Vol: **XXIX.ii.373**)]. "*Ghaldaqstant, dik il-molestja tirrisulta kemm jekk hija wahda ta’ fatt u kif ukoll jekk tkun wahda ta’ dritt, dment li timplika dejjem sfida ghall-pusssess tal-attur. U, b’risultat ta’ hekk, lanqas huwa mehtieg li jigi muri li l-attur garrab xi hsara (dannu materjali)."* **Nicholas Attard et v Peter Paul Cutajar** (PR(JRM) - dec. fl-14 ta' Marzu 2001)

U kif gie ritenut ukoll fil-kaz **Teresa Vella -vs- Mary Boldarini *et***”, Appell Civili, 24 ta’ Frar 1967 ghal dik li hi

molestja din "tista' tkun tant ta' fatt kemm ta' dritt imma timplika dejjem kontraddizzjoni ghall-pussess fil-ligi taghna, 'ta' liema xorta jkun'. Hi testerna ruhha f' att kompjut kontra l-volonta` tal-possessur - u bl-*animus contrarius* - li jostakola l-pussess jew ibiddel jew jillimita l-mod kif dan kien jigi qabel esplikat anke minghajr ma l-molestanti jafferma ghalih stess pussess kuntrarju." (Ara wkoll "**Michele Calleja -vs-Emanuela Cassar *et*",** Appell Civili, 7 ta' Novembru 1994). Fil-kaz tallum il-molestja tirrizulta billi kien l-agir tal-konvenut li waqqaf lir-rikorrenti milli jaccedu fuq il-bejt u konsegwentement milli jkomplu jaghmlu uzu minnu.

Riferibbilment ghat-terminu perentorju ta' sena, l-Qorti trid tissenjala li l-ewwel incident f'April 2013 mhuwiex parti minn din il-kawza u lanqas tista' tkun billi t-terminu perentorju ta' sena skada. Difatti din il-kawza gietipprezentata fis-16 ta' Lulju 2014 u ghalhekk tista' biss tikkonsidra l-allegat molestja fl-ambitu tal-incident ta' Ottubru 2013.

**<u>Pussess</u>**

Ikkonsidrat li l-vertenza odjerna tirrigwarda l-pussess vantat mir-rikorrenti. Huma jikkontendu li l-pussess taghhom hu wiehed li jissoddisfa r-rekwiziti tal-Ligi filwaqt li l-konvenut jallega li l-pussess taghhom, meta sehh it-tieni incident, kien wiehed illegittimu.

Hu pacifiku li l-pussess protett b'din l-azzjoni huwa dak skont l-**artikolu 524 (1) tal-Kap 16**, pussess maghruf bhala *ad usucapionem,* u jikkonsisti f'pussess pacifiku, kontinwu, pubbliku u ininterrott. Pussess li kellu jfisser bhala minimu detenzjoni ta' haga *animo domini* u ghalhekk din l-azzjoni ma tistax tirnexxi min minn jallega li huwa biss inkwilin ta' l-oggett mertu tal-kawza **(Vol. XLI. Ii. 1005).**

Il-konvenut strah fuq is-sentenza li ghaliha gja saret riferenza fl-ismijiet **Nicholas Attard et v Peter Paul Cutajar** fejn gie ritenut li "*ghal dak li jirrigwarda l-ewwel element, il-ligi tghid li l-attur ghandu jkun fil-pussess 'ta' liema xorta jkun', izda, fl-istess waqt twiddeb li la jrid ikun inkiseb b'vjolenza jew bil-mohbi u lanqas irid ikun dak it-tip ta' pussess imsejjah "prekarju".*

L-attur da parti tieghu, ghamel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Grace Agius pro et noe v Angiolina Cutajar (**dec.fit-13 ta' Frar 1959) fejn il-Qorti rriferiet ddefiniet l-element ta' *pussess* fit-termini segwenti:

"*Kwantu ghall-element tal-pussess, dan irid ikun fis-sens tal-art.561(1) tal-Kodici Civili*(illum art. 524(1)). *Huwa ndifferenti jekk dan il-pussess ikunx legittimu jew illegittimu, in bwona fede jew in mala fede, u jekk ikollux bhala oggett id-detenzjoni tal-haga korporali jew id-dgawdija ta' xi jedd; basra li dik it-tgawdija jew dak il-jedd ikunu 'animo domini'. U fin-nuqqas ta' prova li ma kienx hemm pussess, imma tolleranza, ghandha tipprevali l-pretensjoni li l-uzu tad-dritt vantat kien 'animo domini', u mhux lecitu li fil-gudizzju*

*possessorju jsir il-kumulu tal-petitorju. Dan il-pussess hu certament rekwizit essenzjali ta' din l-azzjoni' u ghad li l-ligi taghna tghid li l-pussess manutenibbli b'din l-azzjoni hu ' ta' liema xorta jkun', hu x'inhu, sewwa jew vizzjat, l-azzjoni minghajr dan il-pussess, li hu l-qofol u l-bazi taghha , ma hiex ezercibbli. U l-principji 'vim vi ripellere'jista' jkollu applikazzjoni biss meta l-att isir minnufih, 'confestim' u 'in continenti' u mhux' ex intervallo."* (F'dan il-kaz il-konvenut sostna li kien agixxa biex jirrespingi l-uzu illegali li kien qieghed isir mill-atturi).

Ikkonsidrat li huwa essenzjali ghall-pussess ai fini ta' din l-azzjoni li jkun pussess *uti dominus.* Dan jiddistingwi l-pussess mid-detenzjoni li huwa bizzejjed sabiex jigi esperit azzjoni ta' spoll. (Ara ad.es.**Costantino Borg it-Tabib Dottor Alexander Cachia Zammit noe et.** - P.A. 8 ta' Ottubru 2004).

Issa fil-kaz in ezami, il-konvenut qed jallega li l-atturi ma jistghuwx jghidu li ma kellhomx il-pussess *nec vi, nec clam* ghar-ragunijiet fuq spjegati. L-istess **artikolu 534** tal-Kodici Civili jimponi li "basta li ma jkunx ħa b'idejh dak il-pussess mingħand il-konvenut bi vjolenza jew bil-moħbi, jew ma jkunx kiseb mingħandu dak il-pussess b'titolu prekarju." Hekk fil-kaz fl-ismijiet **Teresa Vella v Mary Boldarini *et.*(**App.Civ. 24 ta' Frar 1967)**,** il-Qorti tal-Appell sostniet li "*huwa sufficjenti pussess ta' kwalunkwe xorta jkun, purche' ma jirrizultax li gie uzurpat mill-avversarju bil-vjolenza, jew bil-mohbi jew li gie minnu prekarjament ottenut ...".*

Izda l-kaz odjern jipprezenta cirkostanzi partikolari billi l-vjolenza li l-konvenut jghid li hija l-bazi tal-pussess tal-atturi kienet sehhet proprju b'reazjoni ghall-att abbuziv precedenti tieghu. F'tali cirkostanzi fil-fehma konsiderata tal-Qorti, il-konvenut qed jipprova jinheba wara l-agir illegali tieghu stess u dan kontra l-massima legali *"nemo auditur propriam turpitudinem allegans". Multo magis* meta mill-provi jirrizulta li l-konvenut agixxa bl-istess u unika rizoluzzjoni (biex izomm lir-rikorrenti milli juzaw il-bejt) meta ghal darba, darbtejn, imblokka lir-rikorrenti milli jaccedu fuq l-istess bejt.

Ikkonsidrat li l-pussess tar-rikorrenti ma twelidx minn att ta' usurpazzjoni jew vjolenza imma twieled minn att pubbliku, hija minghajr l-ebda ombra ta' dubbju, pussess *uti dominus* u jissoddisfa l-ewwel rekwizit essenzjali tal-**artikolu 534** kif definit b'riferenza ghall-**artikolu 524(1) tal-Kodici Civili.**

Ghaldaqstant ser tghaddi biex tilqa' t-talbiet attrici.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tichad l-eccezzjoni tal-intimat,** tiddisponi mit-talbiet attrici skont dan li gej:

1. **Tilqa' l-ewwel talba** u tiddikjara li r-rikorrenti gew molestati u disturbati fil-pussess tal-bejt sovrastanti l-blokk Porchester House, 18, Triq l-Ghollieq, Mosta meta l-konvenut fl-ewwel granet tax-xahar ta' Ottubru 2013,

abbuzivament biddel is-serratura tal-bieb li mit-tromba tat-tarag komuni tal-istess blokk jwassal ghal dan il-bejt u b'hekk imblokka lir-rikorrenti minn kull access ghall-bejt.

2. **Tilqa'** t-tieni talba u tikkundanna lill-intimat sabiex fi zmien perentorju ta' xahar millum jnehhi kull ostakolu fiz-zewg bibien li jaghtu access mit-tromba tat-tarag ghall-bejt u li qed jipprevjeni lir-rikorrenti mill-pussess u uzu tal-bejt tal-imsemmi blokk u b'hekk jinzammu fil-pussess tal-istess bejt kif kienu jgawdu qabel il-molestja; u

3. **Tilqa' t-tielet talba** u f'kaz illi dan it-terminu jghaddi inutilment, tawtorizza lir-rikorrenti jaghmlu x-xoghlijiet necessarji sabiex jerga' jkollhom access ghall-bejt tal-blokk imsemmi, taht id-direzzjoni tal-**Perit Stephanie Cassar**, u dan kollu a spejjez tal-intimat.

**L-ispejjez jithallsu mill-intimat.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**29 ta' Ottubru 2015**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**29 ta' Ottubru 2015**